# BEATI U QADDISIN...APRIL

## 5 April

## San Vincenz Ferrer

Dan il-qaddis twieled gewwa Valencia fi Spanja fis-sena 1537. Huwa pprofessa fl-ordni dumnikan meta kellu biss tmintax-il sena. Huwa lahaq Majjistru tas-Sagra Teologija u beda jghallem u anke jippriedka. Kien bniedem ta' gherf kbir u kien jaf il-Kelma t'Alla (il- Bibbja) bl-amment. Vincenz ikkonverta hafna lhud li kienu jghixu gewwa Valencia u s-sinagogi taghhom saru knejjes kattolici.



Ix-xizma li hakmet il-knisja kattolika f'dawk iz-zminijiet tant kidditu li kwazi kien wasal fil-punt tal-mewt imma Kristu li huwa ra fil-glorja tieghu fejqu u baghtu jikkonverti lil dawk midimba. Dan l-appostolat dan 21 u ghoxrin sena. Huwa ppridka fi Spanja, Svizzera, Franza,

Italja u fir-Renju Unit. Kulfejn ghadda hafna kienu li qalbu minn hajja hazina ghal wahda tajba.  Filwaqt li hu kien jitkellem bl-Ispanjol, kull bniedem li kien jisimghu kien jifhmu bil-lingwa tieghu.

Minkejja dan it-tahbit kollu dejjem sab hin ghat-talb ghax kien jifhem li minghajr talb ebda bniedem ma jista' jersaq lejn Alla.  Qabel kull priedka huwa kien jitolob u jitlob. Ghalkemm hafna kienu l-unuri li riedu jxerrdu fuqu, huwa dejjem baqa' dak il-patri umli. Jum wiehed Patri Vincenz sar jaf li kien ser ikun prezenti wiehed ragel nobbli u ghalhekk biex jipprepara sewwa il-priedka tieghu, ittraskura it-talb ta' preparazzjoni.  Wara l-priedka n-nobbli stqarr li ma kien impressjonat. Imma meta n-nobbli mar jisimghu ghat-tieni darba, li ghaliha kien ipprepara bit-talb kif kien imdorri jaghmel, dan in-nobbli baqa' impressjonat. Meta xi hadd qal b'dan lil San Vincenz, il-qaddis wiegeb li l-ewwel priedka kien ghamilha Vincenz filwaqt li t-tieni wahda kien ippriedka Kristu Gesu'.

Huwa marad meta kien gewwa Vannes u miet fis-sena 1419.